Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' Frar 2017**
**(OR. en)**

**6122/17**

**COPEN 36**
**EUROJUST 21**
**EJN 10**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Lars Danielsson, Ambaxxatur, Rappreżentant Permanenti tal-Iżvezja għall-Unjoni Ewropea |
| fi: | 11 ta' Jannar 2017 |
| lil: | Is-Sinjura Christine Roger, Direttur Ġenerali, Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri<br>- Notifika mill-Iżvezja |

Għażiż Direttur Ġenerali,

F'isem il-Gvern Żvediż, qiegħda nippreżenta notifika li, mid-19 ta' Diċembru 2016, l-Awtorità Żvediża ta' Prosekuzzjoni hija l-awtorità kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, f'każijiet fejn l-Iżvezja tkun l-Istat emittenti.

(Formula ta' għeluq)

(f.) Lars Danielsson

**ANNESS**

**Uffiċċji tal-Gvern**

9 ta' Jannar 2017
Ju2016

**Ministeru għall-Ġustizzja**
Żvezja

Direttur Ġenerali
Christine Roger
Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel

**Notifika ta' bidla fil-liġi nazzjonali fir-rigward tal-awtorità ġudizzjarja**

Fid-dawl tal-eżitu tal-Kawża C-452/16 PPU - Poltorak, tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-Iżvezja emendat il-liġi nazzjonali tagħha fir-rigward tal-*awtorità ġudizzjarja* (Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri) f'każijiet fejn l-Iżvezja tkun l-Istat emittenti. Skont l-Artikolu 6(3) tad-Deċiżjoni Kwadru, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill qiegħed jiġi nnotifikat b'dan li ġej.

**Mid-19 ta' Diċembru 2016, l-Awtorità Żvediża ta' Prosekuzzjoni hija l-awtorità kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, f'każijiet fejn l-Iżvezja tkun l-Istat emittenti.**

L-emendi saru f'digriet li daħal fis-seħħ fid-19 ta' Diċembru 2016. Skont l-Artikolu 34(2) tad-Deċiżjoni Kwadru, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet. It-test tad-dispożizzjonijiet qiegħed jintbagħat lill-Kummissjoni permezz tal-bażi ta' data dwar l-implimentazzjoni tal-MNE.

Indirizz postali: 103 33 Stockholm
Indirizz tat-triq: Jakobsgatan 24
Posta-e:ju.registrator@regeringskansliet.se

Tel.: 08-405 10 00
Fax: 08-20 27 34
Sit web: www.regeringen.se